DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/497/PESK

tal-10 ta' Ottubru 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK ([1]).

(2) Il-kriterji għan-nomina fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-ammissjoni fl-Unjoni u għall-iffriżar ta' fondi, li jkopru persuni u entitajiet li jkunu assistew persuni jew entitajiet nominati sabiex jevadu jew jiksru d-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti relevanti jew tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, għandhom jiġu aġġustati sabiex jinkludu persuni u entitajiet li jkunu huma nnfushom evadew jew kisru daw id-dispożiozzjonijiet.

(3) Id-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċizjoni 2010/413/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 19(1), il-punt (b) jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) persuni oħrajn mhux koperti mill-Anness I li jkunu impenjati fi, assoċjati direttament ma', jew jipprovdu appoġġ għall-attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni tal-Iran jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari, anke permezz ta' involviment fl-akkwist tal-oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjal u teknoloġija pprojbita, jew persuni li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew persuni li evadew jew kisru, jew għenu lil persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jiksru, id-dispożizzjonijiet ta' UNSCR 1737 (2006), UNSCR 1747 (2007), UNSCR 1803 (2008) u UNSCR 1929 (2010) jew din id-Deċiżjoni, kif ukoll membri oħra tal-IRGC u persuni li jaġixxu f'isem l-IRGC jew l-IRISL, u persuni li jipprovdu assigurazzjoni jew servizzi essenzjali oħra lill-IRGC u lill-IRISL, jew lil entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom jew li jaġixxu f'isimhom, kif elenkati fl-Anness II;".

(2) Fl-Artikolu 20(1), il-punt (b) jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) persuni u entitajiet mhux koperti mill-Anness I li jkunu impenjati fi, assoċjati direttament ma', jew jipprovdu appoġġ għal, attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni tal-Iran jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari, inkluż permezz ta' involviment fl-akkwist tal-oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjal u teknoloġija pprojbita, jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom, inkluż permezz ta' mezzi illeċiti, jew persuni u entitajiet li evadew jew kisru, jew għenu lil persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jiksru, id-dispożizzjonijiet tal-UNSCR 1737 (2006), UNSCR 1747 (2007), UNSCR 1803 (2008) u UNSCR 1929 (2010) jew ta' din id-Deċiżjoni, kif ukoll membri oħra u entitajiet tal-IRGC u l-IRISL u entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom jew persuni u entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew persuni u entitajiet li jipprovdu assigurazzjoni jew servizzi essenzjali oħra lill-IRGC u l-IRISL, jew lil entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom, kif elenkati fl-Anness II;"

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-10 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kunsill
Il-President
R. SINKEVIČIUS

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li thassar id-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).